Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 4 ta' Ġunju 2021
(OR. en)

9365/21

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2018/0138(COD)**

CODEC 808
TRANS 352

**NOTA PUNT "I/A"**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill |
| Suġġett: | Abbozz ta' DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar ir-razzjonalizzazzjoni ta' miżuri li jmexxu 'l quddiem it-twettiq tan-network trans-Ewropew tat-trasport (TEN-T) **(l-ewwel qari)**<br>- Adozzjoni tal-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari u tad-dikjarazzjoni tar-raġunijiet tal-Kunsill |

1. Fis-17 ta' Mejju 2018, il-Kummissjoni bagħtet lill-Kunsill il-proposta tagħha[1], ibbażata fuq l-Artikolu 172 TFUE.

2. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ta l-opinjoni tiegħu fis-17 ta' Ottubru 2018[2].

3. Il-Kumitat tar-Reġjuni ta l-opinjoni tiegħu fis-6 ta' Frar 2019[3].

4. Il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari fit-13 ta' Frar 2019[4].

[1] 9075/18 + ADD 1, 2 u 3.
[2] ĠU C 62, 15.2.2019, p. 269–273.
[3] ĠU C 168, 16.5.2019, p. 91-100.
[4] 6220/19.

5. Fis-17 ta' Ġunju 2020, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti kkonferma l-qbil proviżorju li ntlaħaq mill-koleġiżlaturi.

6. Fl-14 ta' Lulju 2020, il-Kumitat tal-Parlament Ewropew għat-Trasport u t-Turiżmu (TRAN) ikkonferma l-qbil proviżorju u sussegwentement il-president tiegħu bagħat ittra lill-president tal-Coreper fejn iddikjara li l-Parlament Ewropew għandu, fit-tieni qari tiegħu, japprova l-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari (wara reviżjoni mill-ġuristi lingwisti) mingħajr emendi.

7. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa għalhekk mitlub jissuġġerixxi li l-Kunsill jadotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari, kif tinsab fid-dokument 10537/20, u d-dikjarazzjoni tar-raġunijiet kif tinsab fid-dokument 10537/20 ADD 1, bħala punt "A" f'laqgħa li jmiss.